MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 1298/2009

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**MONICA COMPAGNO**

**Kump.Nru. 1298/2009**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Monica Compagno** detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 771761(M), giet akkuzata talli fit-12 ta' Dicembru 2008, ghall-habta tas-14:00hrs, gewwa l-isptar San Luqa Pieta` (fejn Binja Karen Grech) soqt vettura Nru.ABJ767 :

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura Nru.FAZ101 u involontarjament ikkagunajtilha hsarat ghad-dannu ta' Mary Falzon;

2. U aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Helena Vella skond ma ccertifikaw Dr.Dennis Formosa MD u Dr. Frank Portelli MD.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-23 ta` Marzu 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar it-12 ta` Dicembru 2008 ghall-habta ta` 14.00hrs, biswit il-binja Karen Grech gewwa l-konfini ta` l-Isptar San Luqa, Pieta`, sehh incident fejn fih weggghet gravi certu Helen Vella li allegatament kienet giet milquta minn vettura ABJ767 misjuqa mill-imputata Monica Compagno. Saret investigazzjoni u a bazi ta` l-istess investigazzjoni, l-imputata tressqet il-Qorti biex tirrispondi, *inter alia*, ghall-imputazzjonijiet migjuba talli involontarjament, bi traskuragni, kkawzat feriti gravi fuq l-imsemmija Helen Vella, u hsarat f'vettura FAZ101 ghad-dannu ta` Mary Falzon.

**Ikkunsidrat**;

*DWAR IL-FERITI u L-HSARAT*

Il-prosekuzzjoni jidher li addebitat lill-imputata bid-dispozizzjonijiet ta` l-Artikoli 226(1)(a) u 218, u l-Artikolu 328, ilkoll tal-Kapitolu 9. Il-feriti gravi li garrbet Helen Vella jinkwadraw perfettament fil-parametri tad-dispozizzjonijiet tal-ligi msemmija. L-istess jista jinghad ghall-hsarat li garrbet il-vettura FAZ101. Issir referenza hawnhekk ghad-dokumentazzjoni medika (anke jekk din hija ripetuta) li tinsab *a folios* 14, 15, 18, 19, 21, 50 (51) u 93 ta` l-atti, ghal dak li jirigwarda l-feriti sofferti, u ghall-*folios* 89 u 90 ghal dak li jirrigwarda l-hsarat kagunati fil-vettura msemmija. Issir referenza wkoll f'dan il-kuntest, ghad-depozizzjonijiet tal-medici Dr. Denise Formosa u Dr. Frank Portelli li jinsabu rispettivament *a folios* 46 u 72 ta` l-atti.

Dawn gew ippruvati skond il-ligi.

*DWAR ID-DINAMIKA TA` L-INCIDENT*

Din il-Qorti inghatat zewg verzjonijiet, dik ta` Helen Vella u ohtha Mary Falzon fuq naha wahda u fuq in-naha l-ohra dik ta` l-imputata.

*A folio* 40 *et seq* Helen Vella tghid " …..*Fit-12 ta' Dicembru, 2008 xis-1:00 p.m. hrigt minn Karen Grech jiena u ohti Mariella u kellha l-karozza pparkjata fl-ewwel parking ohti u ohti dahlet fil-karozza u jien qed nistenna biswit il-karozza biex ohti tiftahli l-bieb ta' wara. Ghax fuq in-naha tax-xellug hemm il-hamrija u s-sigar, ma tistghax timxi minn hemm hekk u jien qedgha nistenna hekk mal-karozza ezatt u f'daqqa wahda nhoss karozza gejja bis-sahha, taghtni daqqa hawn hekk fuq genbejja u tefghatni quddiem il-karozza bid-daqqa. Gejt mal-art u bdejt nipprova nqum u ma stajtx ghax bdejt inhoss saqghajja mhux qedghin sewwa*……".

*A folio* 43 *et seq* l-istess xhud tghid:

" …..*Avukat : Ara nghidx sew illi int intlaqat minn din il-vettura meta l-bieba tal-karozza kienet miftuha?*

*Xhud : Ohti kienet qedgha taghlaq il-bieb u kien baqala daqshekk u mbaghad bid-daqqa tal-karozza giet crinkle a bit.*

*Avukat : Ara naqblux illi fl-ebda mument is-sinjura lilek ma laqtitek?*

*Xhud : Ma laqtitnix taghtni daqqa hawn hekk u tefghetni quddiem il-karozza, mela kif mort hemm hekk.*

*Avukat : Il-karozza tas-sinjura giet fuqek?*

*Xhud : Iva bis-sahha minn wara u taghtni daqqa u tefghatni quddiem il-karozza.*

*Avukat : B'liema parti laqtitek, minn wara jew minn quddiem?*

*Xhud : Mhux bil-fanal, minn quddiem u gejt quddiem il-karozza.*

*Avukat : Int rajtha ttajrek il-karozza Sinjura?*

*Xhud : Hassejt il-karozza gejja.*

*Avukat : Taf jekk inti intlaqatx minn wara jew minn quddiem?*

*Xhud : Il-karozza rajtha hdejja ezatt.*

*Avukat : Liema bieba tal-vettura kienet miftuha?*

*Xhud : Tad-driver ghax-ohti kient dahlet fil-karozza u qed tistenna.*

*Avukat : U int fejn kont ezatt il-posizzjoni?*

*Xhud : Hdejn il-bieb ta' wara, qed nistenna lil ohti tiftah.*

*Avukat : Ta' wara tax-xufier?*

*Xhud : Iva.*

*Avukat : Mela inti kont fit-triq?*

*Xhud : Iva.*

*Avukat : U l-bieb tieghek ma kienetx miftuha?*

*Xhud : Le ghax qed nistenna lill-ohti tiftahli….".*

Oht l-allegata vittma, Mary Falzon tixhed, *a folio* 66 illi " ….. *Konna hergin wara xulxin u peress li Karen Grech hemm cinta u ma setghetx titla' ohti, jien thalt fil-karozza, ghamilt il-handbag u t-termos in-naha tal-passigier u x'hin mort biex naghlaq il-bieba kien baqa xi daqshekk, giet din il-karozza u giebditli l-bieba minn idi* …".

*A folio* 67, l-istess xhud tippreciza illi :

*" …. Avukat : Ohtok x'kienet qed taghmel dak il-hin?*

*Xhud : Qeghdha hdejja hawn hekk warajja imma jiena ilhaqt dhalt gol-karozza u x'hin mort naghlaq il-bieba giet din il-karozza minn wara.*

*Avukat : Ohtok, mela inti qed taghlaq il-bieba, ohtok kienet quddiem il-bieba jew wara l-bieba?*

*Xhud: Ohti kienet qeghda warajja ……".*

WPS220 Jeanetta Grixti tixhed, *a folio* 52 *et seq* illi " ….. *Nhar it-12 ta' Dicembru, 2008 konna ircivejna telefonata fejn qalulna illi kien hemm accident gewwa St. Luke's hdejn Karen Grech. X'hin morna fuq il-post konna jiena u pulizija iehor rajna vettura bin-numru ABJ-767 u FAZ-101. X'hin giet mitkellma ix-xufier ta' ABJ-767 Monica Compagno qaltilna li kienet*

*ghaddeja bil-mod u x'hin ezatt ghaddiet il-karozza li kienet ipparkjata, jigifieri FAZ-101, laqtitha minn wara fil-bieb ta' quddiem tax-xufier. Issa x'hin kienet mitkellma x-xufier tal-karozza l-ohra, certu Mariella Falzon, qaltilna li hi kienet qedgha gol-karozza taghha, kellha il-bieba ftit zghir imbexxqa u kienet ghaddeja il-karozza l-ohra u laqtitha. Issa fl-istess hin x'hin kien hemm is-sinjura Vella, jiena x'hin wasalt sibtha fuq wheelchair fil-gemb, qaltli li hi kienet miexja wara ohtha biex tidhol gol-karozza izda giet vettura ohra bi speed u laqtet lilha, fl-irkoppitha u bid-daqqa haditha sa quddiem tal-karozza, qisha remblitha mal-karozza u laqtet ovvjament il-bieba ta' quddiem u hi u niezla s-Sinjura Vella habtet rasha mal-karozza* ……".

L-istess xhud hejjiet *sketch* (ara *folio* 56 - *not to scale*) biex tkun tista tispjega ahjar x'rat hi meta waslet fuq il-post.

L-imputata Monica Compagno tixhed estensivament *a folio* 100 *et seq*. In succinct, hija tixhed illi hija kienet qed issuq il-vettura bil-mod u lemhet lill-Mary Falzon fil-vettura taghha ipparkjata bil-bieba tax-xufier ftit imbexxqa. Lemhet ukoll lil Helen Vella bil-wieqfa fuq in-naha l-ohra tal-bieba tax-xufier (jigifieri bejn il-bieba u l-mudguard ta` quddiem). L-imputata baqghet ghaddejja u meta kienet kwazi issorpassat il-vettura ta` Mary Falzon, semghet hoss fuq wara tal-vettura taghha. Ma kienetx indunat li Helen Vella gralha xi haga u ndunat biss meta harget mill-karozza biex tara x'gara.

**Ikkunsidrat**;

Jidher car minn dawn il-verzjonijiet illi l-kontestazzjoni principali bejn il-kontendenti hija l-kwistjoni tar-responsabbilita`. L-imputata tikkontendi li Helen Vella kienet bil-wieqfa bejn il-bieba tax-xufier u l-mudguard ta` quddiem u l-incident sehh unikament tort ta` Mary Falzon li fethet il-bieba tax-xufier meta l-vettura ta` l-imputata kienet ghaddejja, din il-bieba tax-xufier qabdet mal-parti ta` wara tal-vettura ta` l-imputata u kien ghalhekk li sehh l-incident. Minn naha l-ohra Helen Vella u ohtha jikkontendu li kienet l-imputata, minhabba traskuragni u bil-vettura taghha, li l-ewwel intlaqtet Helen Vella, li intremiet ma l-art, u sussegwentement il-vettura ta` l-imputata gibdet il-bieba tax-xufier tal-vettura ta` Mary Falzon li kienet ftit imbexxqa.

Kif wiehed jista jara, f'dan il-kaz hemm kunflitt fil-provi, almenu dwar partikular wiehed – cioe fejn effettivament kienet tinsab bil-wieqfa l-allegata vittma Helen Vella. Dan il-partikular, fih innifsu, ghandu piz sostanzjali.

Ma hemmx kontestazzjoni illi l-vettura ta` Mary Falzon garrbet hsarat fil-bieba tax-xufier, u li l-vettura ta` l-imputata garrbet hsarat fuq wara tan-naha tal-passiggier.

Ma ngiebet ebda prova ta` xi hsarat, zghar kemm setghu kienu zghar, fuq quddiem tal-vettura ta` l-imputata.

Mhux il-kompitu ta` din il-Qorti li toqghod tispekula x'seta gara jew ma garax; minn fejn setghu kienu gejjin Mary Falzon u ohtha Helen Vella; jekk kienux gejjin minn wara tal-vettura taghhom jew jekk kienux gejjin minn quddiem. Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti li tkun ghandha tharrax aktar l-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija ta` l-imputata skond il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju ta` kif effettivament sehh l-incident ossia min effettivament ikkawzah. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL MONICA COMPAGNO MHUX HATJA TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TAGHHA U MINNHOM TILLIBERAHA SKOND IL-LIGI.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------